MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## GRAZIELLA BEZZINA

Seduta tad-19 ta' Jannar, 2011

Talba Numru. 1111/2010

**Mobisle Communications Limited – C 24655**

**vs**

**Daphne Micallef I.D. 406677 (M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-Socjeta' attrici talbet lill-konvenuta l-hlas tas-somma ta' elf erba' mija u tletin Ewro u tlieta u hamsin centezmu (€1,430.53c), liema somma tirraprezenta bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenuta lis-Socjeta' attrici in rigward ghal servizzi lilu rezi mis-Socjeta' attrici skond diversi kontijiet mibghuta lilha fuq kuntratt bin-numru ***1027007*** u dan fix-xhur ta' bejn is-sena 2007 u s-sena 2009.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat 2 ta' Dicembru 2009, dawk tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment ma' dan l-att, u bl-imghaxijiet sad-data tal-

pagament effettiv kontra l-konvenuta illi hija ngunta ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-Ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-Socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-Socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill- konvenuta thallas is-somma ta' elf erba' mija u tletin Ewro u tlieta u hamsin centezmu (€1,430.53c), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------